

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 95 A



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

15 ta' April 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V *Opinjoni*

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 95 A/01

Post vakanti għal Direttur (Grad AD 14) tal-Awtorità għas-Supervizzjoni tal-Galileo
 — COM/2010/10209

1

Prezz: 3 EUR

V

(Opinjoniġiet)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Post vakanti għal Direttur (Grad AD 14) tal-Awtorità għas-Superviżjoni tal-Galileo

COM/2010/10209

(2010/C 95 A/01)

Min aħna

L-Awtorità għas-Superviżjoni tal-Galileo (ASG) ilha topera mill-2005 u hija Aġenzija regolatorja tal-Unjoni Ewropea. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament u l-Kunsill Ewropew ⁽¹⁾, il-missjoni attwali tagħha hija li tassisti fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-Programmami Ewropej GNSS, magħmulin minn Galileo u l-European Geo-stationary Navigation Overlay System (EGNOS).

B'mod aktar preċiż, l-Aġenzija, taħt il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea, għandha l-missjonijiet li ġejjin:

- li tiżgura l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistemi u l-operazzjoni taċ-ċentru tas-sigurtà Galileo. Għal dan il-fini hija tibda u tissorvelja l-implimentazzjoni ta' proċeduri għas-sigurtà u twettaq verifiki fuq is-sistema tas-sigurtà;
- tikkontribwixxi għat-tħejjija tal-kummerċjalizzazzjoni tas-sistemi, li tinkludi l-analiżi neċessarja tas-suq, u twaqqaf il-pedamenti għas-sostenibbiltà ekonomika rispettiva u timmira biex jtkatru l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u pubbliċi;
- twettaq xogħlijiet oħra li ġew fdati lilha mill-Kummissjoni, bħall-promozzjoni ta' applikazzjonijiet u servizzi, li tiżgura li l-komponenti tas-sistema huma approvati mill-korpi għall-approvazzjoni awtorizzati rilevanti u timmaniġġja l-programmi ta' Riċerka u Żvilupp fir-rigward in-navigazzjoni tas-satelliti.

Il-Missjonijiet tal-Aġenzija jistgħu jkunu soġġetti għal żvilupp ulterjuri, li jiddependi fuq deċiżjonijiet futuri tal-Unjoni Ewropea dwar il-fażi ta' sfruttament Galileo u EGNOS. L-Aġenzija, li tinsab temporanjament fi Brussell, tista' fil-ġejjieni tiġi bbażata fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Attwalment timpjegha 35 impjegat, li huma soġġetti għar-regoli li japplikaw għall-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet. Il-baġit tal-Aġenzija għall-2010 jammonta għal madwar EUR 10 miljun fis-sena u l-baġit operattiv tagħha huwa madwar EUR 40 miljun.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar aktar implimentazzjoni tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni satellitari (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

Qegħdin nipproponu li

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija se jkun ir-rappreżentant legali tal-Aġenzija u se jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tagħha, b'konformità mal-linjigwida tal-Kummissjoni. Hu/hi se jkun/tkun responsabbli għat-tmexxija u l-ġestjoni tal-persunal tal-Aġenzija.

Ir-responsabilitajiet tad-Direttur se jinkludu:

- Li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija, il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-partijiet interessati, kif meħtieġ.
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet strateġiċi tal-Aġenzija b'konformità mal-missjoni tagħha.
- Ir-reklutaġġ u l-evalwazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija filwaqt li jitravwmu spirtu ta' tim u ambjent tax-xogħol tajbin.
- Li jiddefinixxi l-istruttura tal-organizzazzjoni tal-Aġenzija u jissottomettiha lill-bord għal approvazzjoni. Dan jinkludi struttura permanenti adattata għall-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mas-sigurtà u kuntatti operattivi neċessarji relatati mas-sigurtà.
- L-organizzazzjoni ta' u l-parteċipazzjoni, mingħajr id-dritt tal-vot, f'laqgħat tal-Bord Amministrattiv u l-provvediment tas-segretarjat tiegħu.
- It-tħejija u l-eżekuzzjoni tal-Baġit tal-Aġenzija, b'konformità sħiħa maċ-ċiklu baġitarju tal-Komunitajiet u r-regoli u l-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju.
- Proposta dwar programm tax-xogħol annwali u l-implimentazzjoni tiegħu.
- Li jiżgura l-użu l-aktar effettiv tar-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija.
- It-tħejija ta' rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew.

X'qegħdin infittxu

Il-kandidati għandhom ikollhom:

a) Għarfien tekniku:

- Esperjenza fil-programmi tas-satelliti u għarfien tal-politika Ewropea dwar l-ispace. Għarfien ta' u esperjenza fil-programmi tal-UE għan-navigazzjoni tas-Satelliti jservu ta' vantaġġ, u
- Għarfien eċċellenti tas-sistema istituzzjonali tal-UE.

b) Kompetenzi ta' Ġestjoni:

- Kapaċità u abilità fil-ġestjoni ta' entità fi ħdan kuntest internazzjonali ta' kumpaniji li qegħdin jikkoo-peraw bejniethom mill-qrib, kemm fl-livell strateġiku kif ukoll operattiv, u
- Kapaċità fit-tmexxija u l-motivazzjoni ta' tim li għandu kompetenzi tekniċi f'ambjent multikulturali u multilingwa,
- Kapaċità u abilità li tiġġestixxi firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fis-settur pubbliku u dak privat, u
- Għarfien dwar il-ġestjoni baġitarji u finanzjarja f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali;

c) **Ħiliet ta' komunikazzjoni:**

- Ħiliet eċċellenti fil-kitba u fil-komunikazzjoni orali u fin-negozjar, u
- Il-ħila li jikkomunikaw mal-pubbliku u jikkooperaw mal-partijiet interessati, u
- Għarfien tajjeb ħafna tal-kitba bl-Ingliż u tal-lingwa Ingliża huwa meħtieġ.

L-applikanti għandhom

L-applikanti se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' selezzjoni fuq il-bażi tal-kriterji formali li ġejjin li jridu jiġu sodisfatti qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- Ċittadinanza: Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- Grad Universitarju jew Diploma: Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi u ċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja huwa erba' snin jew aktar, jew (ii) ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji konklużi u ċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali post gradwatorja meħtieġa hawn taħt);
- Esperjenza professjonali: Ikollhom minn tal-inqas 15-il sena esperjenza post-gradwatorja wara l-kisba tal-kwalifiki imsemmija hawn fuq;
- Esperjenza Professjonali Rilevanti: Ikollhom minn tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali akkwistata fil-qasam tal-programmi spazjali;
- Esperjenza fil-Ġestjoni: Ikollhom minn tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'kariga għolja ta' ġestjoni;
- Lingwi: Ikollhom għarfien eċċellenti ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra;
- Limitu tal-età: Ikunu jistgħu jkomplu bil-mandat sħiħ ta' ħames snin qabel ma joħorġu bil-pensjoni. Fir-rigward ta' persunal temporanju tal-Komunitajiet Ewropej, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 65 sena.

L-indipendenza u d-dikjarazzjoni ta' interessi

Id-Direttur ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li se jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess tal-pubbliku u dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu/ħa. L-applikanti jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu hekk fl-applikazzjoni tagħhom.

Għażla u ħatra

Se jiġi stabbilit kumitat ta' preselezzjoni għall-proċedura tal-għażla. Dan il-kumitat se jistieden lil dawk l-applikanti li għandhom l-aħjar profil għall-bżonnijiet speċifiċi ta' din il-pożizzjoni għal intervista, magħżula fuq il-bażi tal-merti tagħhom rilevanti għall-post skont il-kriterji stabbiliti hawn fuq. Il-kandidati li jintagħżlu mill-bord ta' preselezzjoni jissejħu biex jattendu intervista mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet tal-Kummissjoni (CCA) u jkollhom jagħmlu għall-eżaminazzjoni minn ċentru ta' evalwazzjoni li ser jitmexxa minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ. Il-kandidati li jintagħżlu mis-CCA mbagħad se jkollhom intervista mill-Kummissarju responsabbli.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni tadotta lista qasira ta' tliet kandidati magħżula, li se tiġi kkomunikata lill-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija. Dan tal-aħħar se jintervista lill-kandidati magħżula u jaħtar id-Direttur minn fosthom. L-inklużjoni fil-lista qasira mhix garanzija tal-ħatra. Il-kandidati jistgħu jkunu mitluba biex jagħmlu iktar intervisti u/jew eżamijiet addizzjonali ma' daww indikati hawn fuq.

Opportunitajiet indaqs

L-Aġenzija regolatorja tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs u mingħajr diskriminazzjoni b'konformità mal-Artikolu 1(d) tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽²⁾.

Il-Kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-Direttur se jkun maħtur bħala aġent temporanju fil-grad AD14 skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾ għal perjodu ta' ħames snin, li jistgħu jiġu estiżi darba ⁽⁴⁾, kif stipulat fir-Regolament tal-IET ⁽⁵⁾. Il-post tal-impjeg huwa Brussell, fejn hi bbażata l-Aġenzija b'mod temporanju.

Proċedura tal-applikazzjoni

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati għandhom jippreżentaw:

1. ittra ta' motivazzjoni fuq paġna unika, preferibbilment stampata, li fiha l-kandidat għandu jispjega għaliex huwa interessat fil-kariga u x'se jkun il-valur miżjud kieku jintagħżel/tintagħżel;
2. Curriculum Vitae (CV) b'format liberu. **Is-CV għandu jirrifere b'mod imperattiv għal rekwiżiti tax-xogħol elenkati fl-avviż tax-xogħol preżenti u għandu jispjega kif, fil-fehma tal-kandidat, hu/hi jissodisfa/tissodisfa minn tal-inqas kull ħila u kompetenza msemmija fih.** L-applikazzjonijiet mhux kompluti se jiġu rifjutati.

Id-dokumenti ta' prova (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, provi tal-esperjenza, eċċ.) m'għandhomx jintbagħtu għalissa imma fi stadju ulterjuri tal-proċedura jekk mitluba.

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, il-korrispondenza kollha mal-kandidati marbuta ma' din il-pożizzjoni se tkun bl-Ingliż.

L-applikazzjonijiet, preferibbilment bl-Ingliż, għandhom jintbagħtu *bl-e-mail* lil:

ENTR-VACANCY-GSA@ec.europa.eu

L-applikanti li ma jistgħux jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-posta elettronika jistgħu jibagħtuhom permezz ta' posta reġistrata jew permezz ta' servizz ta' kurrier express lil:

European Commission
Directorate-General for Enterprise and Industry
COM/2010/10209 — Post of Executive Director GSA
Unit ENTR.R.2 "Human Resources"
Avenue du Bourget 1
1140 Evere
BELGIUM

⁽²⁾ ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1; <http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>

⁽³⁾ ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1 — <http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>

⁽⁴⁾ Id-dewmien tal-perjodu fil-kariga jista jkun modifikat skont l-adozzjoni mill-leġiżlatur tal-Proposta tal-Kummissjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004, li attwalment qiegħed taħt diskussjoni (COM(2009) 139 finali, adottat fl-24.3.2009).

⁽⁵⁾ ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

L-applikanti huma mitluba li jirrapportaw kull bdil potenzjali tal-indirizz bil-miktub u mingħajr dewmien fl-indirizz ta' hawn fuq.

Il-persuna ta' kuntatt għal informazzjoni addizzjonali:

Mr P. Verhoef, Programme Manager, EU Satellite Navigation Programmes
European Commission,
Tel: +32 2.295 10 67 jew E-mail: Paul.Verhoef@ec.europa.eu.

Data tal-għeluq

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu jew bil-posta elettronika jew bil-posta rreġistrata sa mhux aktar tard mill-21 ta' Mejju 2010 (id-data tal-posta elettronika jew id-data tat-timbru postali għall-posta rreġistrata).

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bis-servizz tal-kurrier ekspres iridu jkunu kkonsenjati fl-istess ġurnata lill-indirizz imniżżel hawn fuq qabel il-17:00 (ħin ta' Brussell).

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ttawwal id-data tal-għeluq ta' dan il-post vakanti permezz ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

Informazzjoni importanti għall-applikanti

L-applikanti huma mfakkra li x-xogħol tal-kumitati tal-għażla huwa kunfidenzjali. Kull kuntatt dirett jew indirett mill-kandidati jew minn xi ħadd ieħor li jaġixxi f'isimhom mal-kumitat ta' selezzjoni huwa pprojbit.

Il-protezzjoni tad-dejta personali

Il-Kummissjoni u l-Aġenzija se jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati se tkun proċessata kif meħtieġ mir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta ⁽⁶⁾. L-istqarrija dwar kunfidenzjalità tista' tinqara fil-konnessjoni tal-internet.

http://ec.europa.eu/dgs/human-resources/privacystatement_agencies_en.htm

⁽⁶⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	
60	
61	(DE/EN/FR)
62	
64	
66	(BG/RO)
67	(ES)
70	(PT)
73	(FI)
74	(SV)
91	
95	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

